MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 152/2010

**Joseph Gatt**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur datat it-3 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu r-rikorrent Joseph Gatt sejjah lill-Kummisarju tat-Taxxi Nterni quddiem din il-qorti wara li fid-19 t' April, 2010, kien notifikat b' ittra ufficjali maghruga mill-istess Kummissarju sabiex fi zmien jumejn (2) ihallas is-somma hemm indikata;

Illi skont l-istess rikorrent il-komputazzjoni tat-taxxa allegatament dovuta hi b' referenza ghall-2008 u hi wahda zbaljata peress li kienet inkluza l-*"overtime"*;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li l-komputazzjoni tigi riveduta mill-istess Kummissarju u li konsegwentement it-talba kontenuta fl-ittra ufficjali fuq riferita tigi riveduta;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni datata l-25 ta' Mejju, 2010, li permezz taghha issolleva s-segwenti:

1. Illi preliminarjament ir-rikors promotur hu irritu u null u stante li kif intavolat ir-rikors, dan mhux applikabbli ghall-vertenza;

2. Illi fil-meritu, l-allegazzjoni tar-rikorrent ta' komputazzjoni erronea hi ukoll infondata ghaliex din kienet mahduma fuq il-paga basika settimanali ta' kull impjegat kif dikjarata mill-istess rikorrent fuq formola appozita;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm ir-rikorrent inghata l-opportunita` jgib il-provi kollha tieghu f' udjenza appozitament rizervata, bil-hin, ghal dan il-ghan, l-istess rikorrent inspjegabbilment u allura kontra d-dettam tal-ligi, ghazel li ma jipprezenzjax ghal dan il-ghan;

**Illi konsegwentement, ma tqisx li ipprova l-allegazzjonijiet tieghu skont il-ligi u allura, tichad it-talbiet kollha tieghu, takkolji r-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Nterni, bl-ispejjez.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------